MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2011

Numru 1053/2011

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Hersey )

vs

Calajan Klodjan

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ nazzjonalita Albaniza u presentement detenut fil-‘lock up’ tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, akkuzat talli fil-11 ta’ Settembru 2011:

Bhala persuna illi nizel jew telaq minn Malta, ghamel u gieghel li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni

bi ksur ta’ l-Artikolu 32 (1) (c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta

U iktar talli fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat, u cioe Passaport Nigerjan bin-numru AE1359293 u licenzja tas-sewqan Griega numru 560174281 u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f’liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat.

Wara li hadet konjizzjoni tal-fatti u qieset l-attenwanti generici; rat l-Artikolu 32 (1)(c) tal-Kap 217, 189 u 17(h) tal-Kap 9, tikkundannah sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghda tissospendiehom ghal sentejn millum saekmm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien kollu operattiv tas-sentenza sospiza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------